**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 602/2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmelo Borg**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carmelo Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0076458M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. Nhar l-01 ta' Novembru 2020 bejn il-01:00 hrs u 03:00 hrs ġewwa f'Ħaz-Zebbug u ġewwa l-Gzejjer Maltin irrenda ruħu kompliċi fir-reati ta' ħruq volontarju ta' nar fuq vettura bil-mutur, u ċioe' truck tal-għamla Dodge tal-mudell 50 series u dan għad-detriment ta' Daniel Simon John Galea minn Ħal-Qormi u/jew ta' persuni oħra;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, irrenda ruħu kompliċi fir-reat ta' ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor mobbli jew immobbli u ċioe' għamel ħsara volontarja fuq l-imsemmija [vettura] liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) izda izjed minn mitejn u ħamsin Ewro (€250) għad-dannu ta' Daniel Simon John Galea minn Ħal-Qormi u/jew persuni oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Jannar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 42(d) u (e), 317, 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet l-imputat ħati tal-akkuzi taħt l-artikoli 42(d) u (e), u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u sabet lill-imputat mhux ħati taħt l-

artikolu 317 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti kkundannat lill-imputat Carmelo Borg għal piena ta' ħdax il xahar (11) priġunerija effettiva fuq dan ir-reat li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li hu nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-akkużi. *Inoltre* il-Qorti ordnat li s-sentenza datata 15 ta' Novembru 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Onor. Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras ta' xahrejn (2) priġunerija li kienu sospiżi għal sena u li din ġiet estiża għal sentejn oħra permezz tas-sentenza datata 16 ta' April 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Onor. Maġistrat Dr Francesco Depasquale tidħol fis-seħħ, kif ukoll li tidħol fis-seħħ din l-aħħar sentenza hawn imsemmija li permezz tagħha l-imputat kien ġie kkundannat sitt (6) xhur ħabs li kienu sospiżi għal-erba' (4) snin minn dik l-istess Qorti. Għaldaqstant l-imputat ġie kkundannat jiskonta total ta' dsatax (19)-il xahar priġunerija effettivi. *Inoltre* l-Qorti kkundannat l-imputat jħallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' elf u tlett mija u disa' Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€1,309.45) a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li għandhom jitħallsu fi żmien xahar minn meta s-sentenza ssir *res gudikata* altrimenti konvertibbli fi priġunerija skond il-liġi. Il-Qorti kkundannat ukoll lill-ħati Carmelo Borg a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u rabtet lill-ħati biex ma javviċina bl-ebda mod lil Julian Cucciardi u/jew lil Daniel Simon John Galea taħt penali ta' elfejn Ewro (€2,000) fil-konfront ta' kull wieħed minnhom u dan għal żmien sena mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant, Carmelo Borg, ippreżentat fit-13 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, filwaqt li tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati u kwindi tilliberah skond il-Liġi minn dawn l-imputazzjonijiet, ħtija u piena. Mingħajr preġudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, l-appellant talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti ta' piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn fuq premessi u tinfliġġi piena aktar idonea u anqas ħarxa u li tirrispekkja l-każ in ezami.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrispinġi l-aggravji tal-appellant u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u id-dokumenti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju vventilat minnu, l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti erronjament sabitu ħati li kien kompliċi fir-reat ta' ħsara volontarja fuq vettura li ngħatat in-nar mill-awtur tar-reat li jew ma kienx magħruf jew inkella ma kienx għadu misjub ħati mill-qorti tal-kummissjoni tar-reat. Isostni illi huwa ma kien bl-ebda mod involut fil-kummissjoni tal-att materjali tar-reat u kien sempliċement aċċetta li jagħti *lift* lil persuna li tallbu l-għajnuna fis-sigħat bikrin ta' fil-għodu.

Illi għalhekk ġaldarba dan l-aggravju huwa marbut propju mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, l-Qorti tfakkar għal darb'oħra illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li l-apprezzament dwar il-provi magħmul in prim'istanza ma jiġix iddisturbat issa fi stadju ta' reviżjoni kemm il-darba wara eżami mill-ġdid tal-atti proċesswali minn din il-Qorti, inkluż tad-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda, jirriżulta illi dan l-apprezzament kien wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali, jirriżulta illi nhar l-ewwel ta' Novembru tas-sena 2020, il-Pulizija rċeviet rapport li kien hemm vettura qegħdha tinħaraq ġewwa Triq it-Troll, Ħaż-Żebbuġ. Minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li l-vettura in kwistjoni – trukk tal-għamla *Dodge* – kienet tgħajjat lill-appellant,

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

għalkemm rriżulta ukoll li l-istess kienet nbiegħet lill-terza persuna, iżda qatt ma kien sar it-*transfer* relattiv. *In oltre*, minn filmat *CCTV* li ġie meħud minn qrib ix-xena tar-reat, deher l-appellant isuq vettura li fiha kien hemm persuna oħra, liema vettura waqfet biswit it-trukk *Dodge*, saqet għal triq oħra fil-viċin fejn hemmhekk niżel l-appellant u ġab baskett mill-bagoll tal-vettura u għaddieh lill-passiġier li kien miegħu li ukoll kien niżel mill-vettura. Illi kemm fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija kif ukoll meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ikkonferma li huwa kien dik il-persuna li filfatt tidher fil-*footage* in kwistjoni. Madankollu huwa baqa' jinnega l-involviment tiegħu f'dan il-każ, u dejjem stqarr li kien sempliċiment ta *lift* lill-persuna terza, liema persuna pero' qatt ma svela l-identita' tagħha.

Illi jingħad minnufih illi dak li jilmenta dwaru l-appellant, u ċioe' li l-awtur tar-reat għadu mhux magħruf, m'għandux mis-sewwa. Illi mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur jirriżulta illi l-allegat eżekutur materjali tar-reat ġie identifikat bħala ċertu Jesmond Cassar li tressaq il-qorti sabiex iwieġeb għall-għemilu, liema kawża hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Kuntrarjament għal dak li tikkontendi id-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha allura dan ma ġiex illiberat mill-akkużi lilu addebitati. Jikkonsegwi għalhekk illi irrispettivament mill-proċeduri pendenti fil-konfront tal-ko-akkużat, l-appellant xortawaħda irid iwieġeb għall-egħmilu jekk jinstab illi l-elementi kollha tar-reati lilu addebbitati huma ippruvati.

Illi jibda biex jingħad illi l-provi indizzjarji kollha ipoġġu lill-appellant fuq ix-xena tar-reat. Mhux biss mill-filmati tal-kameras tas-sigurta' jidher illi l-appellant wassal lill-malvivent fuq il-lok tad-delitt fejn imbagħad dan ta n-nar lit-trukk *Dodge*, iżda ukoll minn eżami tar-rapport tal-espert tal-informatika Keith Cutajar, iċ-ċellulari tal-appellant jiġi lokalizżat proprju fl-akkwati fis-sigħat bekrin ta' fil-għodu bejn wieħed u ieħor fl-istess ħin meta seħħ id-delitt. Illi imbagħad it-trukk tal-għamla *Dodge* li ngħata in-nar kien sa ftit tal-jiem qabel jappartjeni lill-appellant li biegħu lil ċertu Cuċċiardi u dan ta'l-aħħar imbagħad biegħu lil ċertu Daniel Simon John Galea. Mhux biss iżda fil-bagoll tal-vettura tal-appellant fejn tqiegħed il-baskett li kien qed iġorr il-passiġġier li l-appellant igħid li rikkeb fil-vettura miegħu, instabet riċevuta ta' €10 li jirrappreżenta akkwist ta' xi *fuel* minn pompa tal-*petrol* ftit sigħat qabel. Mir-rapport

tal-espert Dr. Daniel Vella jirriżulta illi l-vettura ingħatat in-nar permezz tal-użu tad-*diesel*.

Illi dawn il-provi indizzjarji meta imqabbla mal-verżjonijiet għal kollox inverosimili u xi kultant anke kontradittorji tal-appellant iwasslu lil din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, għal konkluzjoni illi l-appellant kien involut fil-kummissjoni tar-reat lilu addebitat. Ibda biex fl-istqarrija tiegħu, l-appellant jinnega li kien jaf l-identita' tal-persuna li huwa rikkeb fil-vettura tiegħu mentri meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, stqarr illi lil din it-terza persuna kien jafu di vista, imbagħad xehed li ġieli ltaqa' miegħu. Wara ftit jerġa igħid li ma jafux. Ukoll, fl-istqarrija huwa jgħid li t-terza persuna li huwa kien rikkeb fil-vettura tiegħu kienet tatu għaxar Ewro sabiex iwasslu għax huwa kien qed jirrifjuta li jagħmel dan. Meta xehed *viva voce* pero', huwa jgħid li kien huwa stess li talab l-għaxar Ewro li din il-persuna, u dana sabiex ikun jista' jimla' l-vettura tiegħu bil-*fuel* sabiex jwasslu għaliex ma kellux biżżejjed għat-triq. Issa għalkemm l-appellant jistqarr illi huwa ltaqa' ma' Cassar għal ħabta tas-siegħa ta' fil-għodu tal-ewwel jum ta' Novembru 2020, madanakollu r-riċevuta tal-*fuel* li kien akkwistat ta' €10 iġġib id-data tal-31 ta' Ottubru 2020 fil-ħin 21:42, u għalhekk ferm qabel il-ħin indikat minnu. Diskrepanza oħra ddur madwar il-baskett li l-appellant ħareġ mill-*booth* tal-vettura tiegħu sabiex igħaddieh lil passiġġier li rikkeb. Fl-istqarrija tiegħu, jinsisti li ma kienx jaf x'kien fih dan il-baskett, iżda jgħid li kien tqil. Aktar tard jikkontendi li seta' kien fih xi ħwejjeġ pero' jgħid li laned ma kienx fih u ma semax il-ħoss ta' xi likwidu jiċċaqlaq. Meta jixhed *viva voce,* minn naħa l-oħra, l-appellant jistqarr li l-baskett kulma kien fih kien ħwejjeġ u li ma kienx fih laned jew affarijiet simili u dan meta *a tempo vergine*, huwa stqarr li ma kienx jaf x'kien fih il-baskett. Ma jitwemminx għalhekk meta snin wara jiddeskrivi eżattament x'kien fih dan l-istess baskett, meta qrib aktar il-kummissjoni tar-reat kien jidher inċert dwar il-kotenut tiegħu.

Illi imbagħad magħdud ma dan ix-xenarju probatorju l-Qorti ssibha diffiċli temmen il-verżjoni tal-appellant meta jinsisti illi f'dawk is-sigħat bekrin ta' fil-għodu huwa kien qiegħed għassa fil-vettura tiegħu u ġie avviċinat minn persuna li talbu sabiex iwasslu Ħaż-Żebbuġ, b'kumbinazzjoni eżattament viċin trukk li kien jappartjeni lilu

u li kien biegħu proprju ftit tal-jiem qabel. Kif issibha diffiċli temmen, bħall-Ewwel Qorti qabilha illi proprju fil-bagoll tal-vettura viċin fejn kien il-baskett li allegatament kien jikkontjeni l-likwidu li bih ingħatat in-nar il-vettura, ġiet misjuba riċevuta li tkopri ix-xiri ta' *fuel* minn pompa tal-*petrol* proprju fl-istess lejla.

Illi allura f'dan il-kwadru probatorju il-Qorti tqies illi l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti kien wieħed legalment u raġjonevolment validu u ma tqies illi hemm xi mottiv li jista' iwassalha tiskossa l-istess. Għaldaqstant, dan l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi fit-tieni aggravju minnu ntentat, l-appellant jilmenta li ma setatx tinstab il-ħtija għat-tielet imputazzjoni u ċioe' illi kkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Francesco Depasquale tas-16 ta' April 2019, u dan għaliex din is-sentenza kienet estendiet sentenza sospiża datata il-15 ta' Novembru 2017 li ma kenitx indikata f'din l-imputazzjoni.

Illi l-appellant m'għandux raġun fl-ilment tiegħu. Illi l-artikoli 28B u 28C tal-Kodiċi Kriminali jfasslu dik il-proċedura li għandha tkun segwita meta jkun kommess reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Il-Qorti għandha titratta mal-ħati għal dan il-ksur kif indikat fis-sub-inċiż 2(a) jew 2(b) tal-artikolu 28B. Illi fil-każ taħt il-lenti tal-qorti l-appellant kien trattat għal ksur tas-sentenza tal-15 ta' Novembru 2017 bil-proċedura imfassla fis-sub-inċiż 2(b), u dan meta l-Qorti tal-Maġistrati estendiet il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża tal-15 ta' Novembru 2017 ta' xahrejn priġunerija sospiżi għal sena, b'sentejn oħra. Dan ifisser għalhekk illi l-appellant ikkometta r-reat li dwaru kien misjub ħati mill-Ewwel Qorti fil-perijodu operattiv tas-sentenza tas-16 ta' April 2019 li ttrattat miegħu għal ksur minnu kommess fit-termini ta'l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, u mhux fil-perijodu indikat fis-sentenza tal-15 ta' Novembru 2017. Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-aggravju mqanqal mill-appellant f'dan ir-rigward ma jistħoqqlux akkoljiment u qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-gravam rimanenti sottopost għal ġudizzju tal-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi fir-rikors tal-appell l-appellant ma iressaq ebda aggravju formali fir-rigward tal-piena, għalkemm fit-talba huwa jitlob varjazzjoni fl-istess għal waħda iktar idonja u anqas ħarxa. Illi mhuwiex il-kompitu ta' dina l-qorti ta' revizjoni li tipprova tispekula x'inhuma dawk ir-raġunijiet li wasslu lill-appellant iressaq din it-talba iktar u iktar meta l-piena hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi. Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell, id-difiża saħħqet illi omm l-appellant hija mara ta' 91 sena u ma hemm ħadd ħlief l-appellant li jista' jieħu ħsiebha. Issa għalkemm din waħedha mhijiex raġuni suffiċjenti li tista' twassal teżerċita xi forma ta' klemenza fil-konfront tal-appellant, prova ta' dak allegat ma inġabitx u l-Qorti ma tistax tvarja id-diskrezzjoni ta'l-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena jekk ma jkunx hemm xi raġuni valida li dik il-Qorti tkun injorat jew inkella li tqum fil-mori tal-appell u allura ma setatx tkun ikkunsidrata in prim'istanza. Dan iktar u iktar meta il-fedina penali voluminuża u kkulurita tal-appellant ma tispirax fiduċja fil-Qorti illi l-appellant ser jirriforma ħajtu u jitbiegħed mit-triq tal-kriminalita'.

Illi, dina l-Qorti hija għalhekk tal-fehma li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-Liġi. *In oltre*, tali piena hija waħda li tirrispekja il-gravita' r-reat kommess kif ukoll il-fedina penali refrattarja tal-appellant. Għalhekk tqis li ma teżisti l-ebda raġuni valida 'il għala għandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena erogata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**